TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Claire u Mark Micallef

Vs

Jeffrey Muscat – Pro Concept Ltd

CCT 156/19/MM

Illum, 20 ta' Ġunju 2023

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti ppreżentat fl-4 ta' Novembru 2019 fejn talbu s-somma ta' Euro 3,494.06 rapprezentanti parti minn prezz ta' ghamara mixtrija minghand l-intimata li kienet allegatament difettuza.

Ra r-risposta tal-intimata ppreżentata nhar il-25 ta' Novembru 2019, fejn cahdet it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra taghhom.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-proċess.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi mill-provi jirriżulta illi r-rikorrenti ordnaw numru ta' bicciet ta' ghamara mill-intimata li skonthom kienu milquta b'diversi difetti. Illi sahansitra anki fil-mori tal-kaz odjern il-gbir tal-provi gie sospiz bi qbil mal-partijiet sabiex isiru r-riparazzjonijiet mehtiega.

Illi fis-seduta mhollija ghall-15 ta' Frar, 2022 ir-rikorrenti infurmaw lit-Tribunal li ma kien hemm l-ebda interess min-naha tal-intimati sabiex jattwaw dak li weghdu u ghalhekk kien hemm il-prosegwiment tal-kawza.

Illi fis-seduta ta' nhar il-31 ta' Mejju, 2022 Jeffrey Muscat ghas-socjeta' intimata jishaq illi huma ssuplixxew kcina u TV unit fejn l-ilment kien jirrigwarda it-TV unit u l-bibien tal-kcina. Huwa jishaq li t-TV unit jiswa Euro 1,402 u l-bibien jiswew Euro 189 u s-saqajn tal-breakfast area Euro 286. Illi ghalhekk skontu, l-ammont ta' rifuzjoni ghandu ikun ta' Euro 1877 u mhux Euro 3494.06. Jghid ukoll li huma kienu lesti li jibdlu l-partijiet bil-hsara a spejjez taghhom izda l-parts damu sabiex gew minn barra minhabba l-COVID-19.

Ikkunsidra

Illi t-Tribunal jinnota li fir-risposta tieghu l-intimat cahad li kien responsabbli ghad-difetti u konsegwentament cahad li kellu jirrifondi parti mis-somma lir-rikorrenti.

Illi t-Tribunal jinnota li sussegwentement u cioe fis-seduta tas-27 t'Ottubru 2020, l-intimat iddikjara li kien ser iwettaq il-bdil jew ir-riparazzjonijiet necessarji fir-rigward tad-diversi partijiet tal-ghamara li kienu milquta bi hsarat u ghalhekk talab ghal differiment u r-rikorrenti accettaw din il-proposta.

Illi t-Tribunal jinnota li fis-seduta tal-15 ta' Frar 2022 ir-rikorrenti infurmat lil dan it-Tribunal li l-intimat ma kienu ghadu m'ghamel xejn minn dak li kien qal li ser jaghmel u ghalhekk talbet li l-kawza tkompli bl-intiza li tigi deciza.

Ikkunsidra ulterjorment

Illi hadd mill-partijiet ma talab li l-ghamara tigi ezaminata minn espert sabiex jirrelata dwar il-kwalita' u l-istat tal-ghamara mixtrija izda mill-evidenza prezentata mir-rikorrenti ossia diversi ritratti, jidher li l-ghamara mixtrija kienet milquta minn diversi difetti li wiehed ma jistennix li jesperjenza ftit taz-zmien wara li l-ghamara titqieghad fuq il-post.

Illi d-dikjarazzjoni tal-intimat suriferita fis-seduta tas-27 t' Ottubru 2020 tnissel f'dan it-Tribunal il-konvinciment morali li verament kien hemm diversi difetti. Illi din l-ammissjoni, maghduda mal-fatt li evetwalment l-intimat m'ghamel assolutament xejn minn dak li qal li ser jaghmel, jimpatta fuq il-kredibilita' tal-intimat kemm bhala kummercjant u anki mill-aspett uman ossia attitudni u rgulija.

Illi t-Tribunal kellu l-opportunita' jisma' lix-xhiedha viva voce u jevalwa x-xhiedha, l-imgieba u l-komportament tal-partijiet. Illi t-Tribunal huwa tal-fehma li l-intimat m'ghandux ragun meta b'difiza ghalih jallega li n-nuqqas tieghu kien dovut ghall-pandemija COVID-19 u dan stante li l-pandemija issa ilha zmien twil li ghaddiet u *s-supply chains* ilhom zmien twil li gew ghan-normal. Illi kieku verament kien interessat li jwettaq il-bdil jew ir-riparazzjonijiet necessarji fir-rigward tad-diversi partijiet tal-ghamara li kienu milquta bi hsarat, kellu kull opportunita' li jaghmel dan. Illi bhala stat ta' fatt, l-intimat baqa' m'ghamel xejn u ghalhekk it-Tribunal qieghad jiskarta l-verzjoni tal-intimat u konsegwentement ser ser jghaddi biex jiddeciedi favur ir-rikorrenti.

Illi t-Tribunal jirrileva li r-rikorrenti stqarrew li fil-mori tal-kawza feggew difetti addizjonali izda r-rikorrenti ghamlu li setaw biex jiminimizzaw id-danni u fil-fatt illimitaw it-talba taghhom ghall-ammont mitlub mal-avviz taghhom. Illi t-Tribunal analizza l-lista tal-ispejjez u huwa tal-fehma li s-somma mitluba mir-rikorrenti hija gusta.

Illi b'referenza ghall-argument tal-intimat li parti mit-tiswijiet ma setax jaghmilhom peress li fuq il-bank tal-kcina kienet giet installata *marble tabletop* minn terzi, u ghalhekk ma riedx jassumi responsabbilita', dan it-Tribunal ma jaqbilx mal-intimat.

Illi I-artikolu 1125 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta testwalment jghid:

"Kull minn jonqos li jesegwixxi obbligazzjoni li huwa jkun ikkuntratta, hu obbligat għad-danni."

Illi l-artikolu 1136 testwalment jghid:

"Id-debitur hu obbligat biss għal dawk id-danni li basar jewli wieħed seta' jobsor fiż-żmien tal-obbligazzjoni, iżda dan kemm-il darba n-nuqqas tal-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni ma jkunx ġejminn għemil tiegħu doluż".

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma li l-intimat huwa responsabbli ghad-danni u ghalhekk ghandu jirrifondi s-somma mitluba mir-rikorrenti stante n-nuqqas tieghu li jesegwixxi l-obligazzjoni u stante li t-Tribnal huwa tal-fehma li l-intimat seta' jobsor fiż-żmien tal-obbligazzjoni x'jistaw ikunu l-intoppi, l-isfidi u l-ispejjez li ser ibatu r-rikorrenti kawza tan-nuqqas tal-intimat.

Għal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jichad l-eccezzjonijiet tal-intimat, u jghaddi sabiex jilqa' it-talbiet tar-rikorrenti fl-intier taghhom u jikkundanna lill-intimat ihallas is-somma ta' Euro 3494.06 bl-ispejjez kontra l-intimat fi zmien gimgha mil-lum.

Martha Mifsud LL.D.

Arbitru